**Kunsill Lokali Żejtun**
28, 'Dar iż-Żwieten', Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt
website:www.zejtunlocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| **Seduta** | Laqgħa Pubblika |
| **Data** | 18/02/2010 fis-6.23pm |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali Żejtun, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 |

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| Camilleri Claude | Preżenti |
| Darmanin Richard | Preżenti sas-7.20pm |
| Fenech Stephania | Assenti minħabba xogħol |
| Hales Joseph | Preżenti |
| Pace Darrell | Preżenti mis-7.00pm |
| Seychell Anthony | Preżenti |
| Wille Piscopo Lisa | Assenti minħabba mard |

| | |
|---|---|
| Lino Camilleri | 767744M |
| Carmelo Scicluna | 344042M |
| Shirley Agius | 207873M |
| Annie Zammit | 876253M |
| Leli Zammit | 506252M |
| Joe Baldacchino | 733150M |
| Brandon Spagnol | 10493M |
| Lorry Vella German | 1044844M |
| Lina Vella German | 995447M |
| Gaetano Desira | 650761M |
| Jennifer Agius | 83980M |

**Preżenti wkoll**

Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistant Principal Caroline Schembri

**Tqassmu l-minuti tal-laqgħa pubblika tas-sena 2009. Is-Sindku fetaħ u ppreseda l-laqgħa.**

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħa Pubblika 2009

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Seychell | **Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2009 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.** |

## 2. Ftuħ mis-Sindku

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 2. 1 | | Sindku: Introduzzjoni | Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi fakkar li din hi laqgħa li ssir kull sena fejn fiha r-residenti Żwieten ikunu jistgħu jaraw ir-rapport i. amministrattiv ii xogħol is-Sindku u l-Kunsilliera iii. finanzjarju u jressqu l-veduti/suġġerimenti tagħhom. Għaldaqstant il-Kunsill għamel avviżi fuq stazzjonijiet ta' radju kif ukoll fuq il-gazzetti dwar din il-laqgħa biex kemm jista' jkun tintlaħaq miż-Żwieten kollha. Irringrazzja lill-kunsilliera, l-istaff klerikali kif ukoll il-ħaddiema manwali. |
| 2. 1 | i | Xogħol mill-Kunsill | Ix-xogħol li jsir tul is-sena jsir skond il-flus li jkollu l-Kunsill. Is-sena li għaddiet kienet waħda ta' sfida u l-Kunsill irsista bla heda biex jagħmel xogħol kemm jista' u kemm jiflaħ. Is-sena finanzjarja tal-Kunsill tbiddlet u għalhekk din is-sena kienet sena qasira iġifieri minn April sa Diċembru 2009 minflok sa Marzu 2010. F'dawn id-9 xhur il-Kunsill kellu 11-il laqgħa tal-Kunsill. L-attendenza tal-kunsilliera kienet tajba u r-raġuni meta l-kunsilliera ma attendewx kienet minħabba xogħol jew mard. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2. 1 ii | Fondi tal-Kunsill | | Il-Kunsill ingħata €500,000 mill-Gvern Ċentrali u kważi €100,000 minn proġetti li l-Kunsill ikkompeta għalihom bħal Child Day Care Centre, Żejt iż-Żejtun, Green Challenge Award, Skema ta' fondi għal Ġnien Brejġu b'sistema ta' dawl LED u Aċċessibilta' ta' l-uffiċċji ta' l-istess Kunsill. Infatti inxtara l-garaxx biswit l-uffiċċji tal-Kunsill u b'hekk l-uffiċċini setgħu jiġu aċċessibbli. Ix-xogħol tlesta u bħalissa qed jinkera lill-Gvern f'isem is-sigurta' soċjali distrettwali sabiex l-uffiċċji propja li għandhom fi Triq Madonna tal-Ħniena ikunu jistgħu jiġu rranġati. Wara 6 xhur il-front office tal-Kunsill ser ikun mill-uffiċċju l-ġdid. |
| 2. 1 iii | Uċuh ta' Toroq | | Bħalissa qed isir xogħol fuq l-uċuh ta' toroq Dun Gwann Tabone, Vittmi tal-Gwera u Anġlu Grima. Tlesta x-xogħol tal-bankini li dawn swew lill-Kunsill €46,000. Min-naħa tal-Gvern Ċentrali saru Triq Nikol Attard, Triq Anġlu Gatt sa Ta' Ganza Suite, Triq Falkunier k/m Triq Fieres. Għad fadal isiru toroq Orazio Diacono, Haddiema, Filippu Falzon, Tagħlim k/m Karmenu Grima. |
| 2. 1 iv | Link roads | | Ir-residenti li joqgħodu f'toroq residenzjali li huma link roads qed jaffaċċjaw problemi ta' kuljum li issa dawn it-toroq għandhom bżonn isiru mill-ġdid iżda l-Kunsill qatt m'hu se jkollu flus biżżejjed biex jagħmilhom. Qed issir pressjoni mal-Gvern Ċentrali biex dawn it-toroq isiru mill-ġdid. |
| 2. 1 v | Triq President Anton Buttiġieġ | | Dak kollu li sar fi Triq President Anton Buttiġieġ sar mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku wera l-pjanta li kienet ġiet approvata minn Trasport Malta fl-2007. Fl-2008 saret laqgħa bejn il-Kunsill u l-TM fejn dak inhar il-Kunsill insista li jsiru pelican lights. Għaldaqstant il-pjanta kellha tiġi revised u tiġi approvata mill-ġdid liema approvazzjoni saret f'April ta' l-2009. Il-pelican lights twaħħlu iżda s'issa ma xegħlux. |
| 2. 1 vi | Xogħol Ġebel San Martin | | Il-proġett li sar mill-Kunsill fuq il-Ġnien ta' Ġebel San Martin sar fuq medda ta' ħames snin. Ingħataw biċċa art lill-Redstars fejn dawn a spejjes tagħhom għamlu 5 a side pitch. Ix-xogħol li sar mill-Kunsill sa bi flus li l-Kunsill ħa mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni tad-Djar li llum il-ġurnata spiċċa. L-ammont li l-Kunsill kiseb minn dan id-dipartiment kien ta' €256,231.00. Il-proġett kollu ġie jiswa €500,000 liema proġett iddaħħal għal kompetizzjoni tal-Green Challenge Award fejn il-Kunsill kiseb ir-raba post u ngħata €5,000 bħala premju. |
| 2. 1 vii | Skart | | Preżentement il-Kunsill qed jiffaċċja sfida dwar l-iskart. Qed issir kampanja dwar is-separazzjoni ta' l-iskart flimkien mal-Greenpak. Qed jitqassmu boroż apposta lil kull residenza fiż-Żejtun kif ukoll issir spejgazzjoni ta' kif ir-residenti għadhom jiddisponu mill-iskart tagħhom. Il-ġbir ta' skart qed jiġi jiswa ħafna flus lill-Kunsill u għalhekk huwa importanti li isir is-separazzjoni. Fil-ġimgħat li ġejjin il-Kunsill ser joħroġ it-tenders tal-ġbir ta' skart peress li dawn it-tenders ilhom sena u nofs magħluqin u bl-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali il-Kunsill seta jopera bis-servizz l-antik. Il-kuntratturi ma jistgħux jibqgħu joperaw bl-istess kuntratt peress li mhumiex ilħaqu ma' l-ispejjez tagħhom. |
| 2. 1 viii | Suq | | Il-Kunsill qed jinsisti biex is-Suq fiż-Żejtun jikber. Ilu għal dawn l-aħħar sentejn jagħmel pressjoni fuq l-awtorita' konċernata sabiex dan iseħħ. Issa jidher li l-Kunsill kważi wasal biex jieħu f'idejh id-devoluzzjoni ta' l-art inkwistjoni. |
| 2. 1 ix | Ġnien Brejġu | | Qed isisr xogħol fi Ġnien Brejġu. Dan qed isir bl-għajnuna ta' fondi li l-Kunsill kiseb mill-MEPA. Il-kostruzzjoni tlestliet iżda għad fadal xi jsir. Ix-xogħol li baqa' ser isir bil-ħaddiema tal-Kunsill u x-xogħol tal-wiċċ tal-passaġġi ser isir bil-kuntrattur. |
| 2. 1 x | Żejt iż-Żejtun | | Il-Kunsill qed jorganizza attivita' annwali ta' livell għoli ħafna: Żejt iż-Żejtun. Għaliha qed jikseb għajnuna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Għal attivita' ta' l-2009 il-Kunsill ħa €5,000 filwaqt għal dik li ser issir fl-2010 kiseb €10,000. L-Awtorita' tat-Turiżmu qed tagħti promozzjoni tajba ħafna ta' din l-attivita' u tinsab ma' l-ewwel erba' attivitajiet. |

| | | |
|---|---|---|
| 2. 1 xi | Sotto Kumitati | Is-Sindku faħħar lill-Kunsilliera għax-xogħol li jagħmlu flimkien mas-sotto kumitati rispettivi. Il-Gvern Ċentrali ma jagħtix fondi speċifiċi għal ħidma tas-sotto kumitat iżda l-Kunsill tant jemmen fihom li jiddedika fondi għalihom. |

## 3. Preżentazzjoni ta' rapporti mill-Kunsilliera

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 3. 1 | i | Viċi-Sindku: Kunsilliera responsabbli mill-Familja, Tfal, Anzjani, Saħħa u Persuni b'Diżabilita' | Il-Viċi-Sindku irringrazzjat l-istaff kollu tal-Kunsill kif ukoll il-membri tas-sotto kumitat. Fakkret li s-sotto kumitat ġarrab it-telfa tal-Maġġur Toni Brincat li kien membru attiv u ferrieħi. |
| 3. 1 | ii | Xogħol | Is-Sotto Kumitat tal-familji dejjem jipprova joħloq inizjattivi ġodda flimkien ma' dawk li kien bena fis-snin li għaddew liema attivitajiet daħlu fi-kalendarju tas-sotto kumtitat. Bħalissa il-kids club jinsab wieqaf iżda dalwaqt ser jerġa' jibda jiltaqa'. |
| 3. 1 | iii | Child Day Care Centre | Il-Kunsill din is- sena ser ikompli ix-xogħol fuq ic-Child Day Care Centre għan-nisa li jixtiequ javvanzaw fid-dinja tax-xogħol jew fl-edukazzjoni. Ic-Child Day Care Centre ser iservi ta' ġid għal min hu single parent u jixtieq jaħdem. |
| 3. 1 | iv | Persuni b'diżabilita' | Il-Viċi-Sindku irringrazzjat lil Dun Ang Seychell għal ħdima tiegħu mal-persuni b'diżabilita'. Illum il-ġurnata huwa l-fundatur ta' tlett idjar għal dawn in-nies. Is-Sotto kumitat jgħin f'attivitajiet li jsiru apposta għal persuni b'dizabilita' minn għaqdiet tal-Parroċċa kif ukoll oħrajn li javviċinaw lil-Kunsill. Min-naħa tal-Viċi-Sindku issir spezzjoni għal talbiet li l-Trasport Malta ikollha għal reserved parking. |
| 3. 1 | v | Saħħa | Ta' kull sena l-Kunsill qed jissusidja t-titqiba ta' l-influenza. Kull sena in-nies li jinkitbu l-Kunsill qed jiżdied. Din is-sena ingħataw 'l fuq minn 1,200 vaċċin li dwew lill-Kunsill €563.76. |
| 3. 1 | vi | Housing | Għalkemm il-Kunsill m'għandux ir-responsabbilta' tal-Housing, il-Viċi-Sindku tgħin lir-residenti li joqgħodu fl-estates tal-gvern sabiex jimplimentaw il-liġi tal-kondominju. |
| 3. 1 | vii | Anzjani | L-Anzjani fil-lokalita' qegħdin dejjem jiżdiedu. Is-sotto kumitat tal-familji jagħmel żjarat lill-anzjani li jinsabu fi-djar tax-xjuħ kemm taż-Żejtun kif ukoll f'San Vinċenz speċjalment f'Jum l-Omm u Jum il-Missier. Issir ħidma kontinwa mal-Knisja f'dan il-qasam. |
| 3. 1 | viii | Indafa | Tul is-sena li għaddiet saret il-kampanja 'Żejtun Nadif Għalik u Għalija' li kienet okkażjoni biex il-Kunsill seta' jakkwista fondi. F'din il-kampanja sar xogħol siewi ħafna li wera l-frott. Bħalissa is-sotto kumitat qed jgħin fis-separazzjoni ta' l-iskart fejn qed iħabbat bieb bieb biex iqassam boroż apposta kif ukoll jispejga kif għandu jinqasam l-iskart. |
| 3. 2 | | Seychell: Kunsillier responsabbli mit-Turiżmu Arti u Kultura | Seychell talab lill-pubbliku preżenti sabiex jaqra r-rapport dettaljat li tqassam lilhom. Semma' it-twaqqif ta' żewġ gruppi importanti dak ta' Ilħna Poeżija u dak tal-Filatelija. Dawn jagħmlu laqgħat fuq bażi regolari li fihom ikun hemm mistiedna speċjali. Ta' kull sena jittella' il-Kunċert tal-Milied. Din is-sena kienet l-10 edizzjoni. Tul dawn l-aħħar 14-il sena jittella' wkoll il-konkors letterarju u Ġieħ iż-Żejtun. Seychell irringrazzja lill-kunsilliera sħabu u l-istaff kif ukoll liċ-ċittadini Żwieten li dejjem ta widen għall-ilmenti tagħhom. |
| 3. 3 | | Darmanin: Kunsillier responsabbli mill-Pulizija, Kummerċ u Traffiku | Darmanin irringrazzja lill-Kunsilliera u lill-pubbliku Żejtuni. Il-qasam tiegħu huwa diffiċli u jħoss li l-Kunsill għandu sfida qawwija l-aktar fil-ġlieda kontra d-droga. Il-kunsillier Darmanin ħeġġeġ lill-pubbliku sabiex jirraporta l-problema tad-droga liema informazzjoni tinżamm kunfidenzjali. Saru ħafna diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet konċernati għal Triq President A. Buttiġieġ. Darmanin wiegħed li ser jibqa' leali lejn iż-Żwieten. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 3. | 4 | | Hales: Indafa, Żamma tal-Ġonna | L-indafa madwar iż-Żejtun tmissa f'idejk peress li sa l-10.00 ikun hawn it-toroq nodfa. Il-problemi li l-Kunsill qed jaffaċċja huma rimi ta' skart ħdejn il-bins on wheels u r-recycling bins. Hales jieħu ħsieb it-tindif u l-manutenzjoni tal-ġonna u soft areas, toroq urbani u mhux urbani, ġibjuni u drip irrigation systems. L-ilma sar it-tieni problema wara l-arja. Għalkemm iż-Żejtun għandu 4 ġibjuni, din is-sena x-xita naqset ħafna u għaldaqstant il-ġibjuni ma ntlewx. Dan l-ilma jintuża biex jissaqqew il-ġonna u soft areas. Hales huwa responsabbli wkoll mid-door numbering unit. Dan l-aħħar sar kuntatt biex dan l-eżerċizzju jsir fit-toroq li baqgħu qatt ma saru. |
| 3. | 5 | | Sindku: Żgħażagħ u Sport | Is-Sindku qal li ssir ħidma kontinwa mill-kunsilliera Fenech, li ma kienetx preżenti għal laqgħa minħabba impenji oħra, sabiex isiru proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea. |
| 3. | 6 | | Camilleri: Kunsillier Responsabbli mill-Edukazzjoni | Camilleri rringrazzja lill-kunsilliera kif ukoll lill-istaff. Ta rapport tal-ħidma li saret fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Camilleri żamm kuntatt u ħadem ma' l-iskejjel kif ukoll ma' l-Istitut Paolo Frere. Mill-qrib qed tkun segwita il-problema tat-tapit tal-kindergarten kif ukoll tal-kolonna fid-daħla ta' l-iskola primarja. Għalkemm inkitbet ittra lid-dipartiment ma ngħatatx ġurnata meta dan ix-xogħol ser isir. Jinżamm kuntatt ma' l-iskejjel barra l-lokal u jiġu premjati studenti Żwieten li jkunu għamlu ġid fil-qasam soċjali. |
| 3. | 6 | i | Jum Dinji tal-Ktieb | Fl-24 ta' April ġie organizzat Jum Dinji tal-Ktieb fejn dakinhar il-Kunsill flimkien ma' l-iskola ppreżenta kotba ġodda lil-libererija lokali. |
| 3. | 6 | ii | Istitut Paolo Frere | Saret ħidma bejn il-Kunsill, id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u l-Istitut Paola Frere sabiex isiru korsi għal adulti illiterati kif ukoll korsijiet fil-kompjuter. |
| 3. | 6 | iii | Korsijiet | Tul ix-xhur tas-Sajf bħas-snin l-imgħoddija saru l-korsijiet fit-taħriġ tal-lingwi: fil-Malti, Ingliż u Franċiż kif ukoll story telling u kompjuter. |
| 3. | 6 | iv | Kindergarten/Librerija | Fil-Milied li għadda inxtrat żurżieqa lill-kindergarten filwaqt li fejn tidħol il-librerija komplew jiżdiedu l-kotba fuq l-ixkafef u żdiedu n-nies li jagħmlu użu mill-istess librerija. |
| 3. | 7 | | Pace: Liason bejn il-Ministeri u Dipartimenti | Il-ħidma ta' Pace fil-Kusnill hija li jagħmel ko-ordinament bejn il-Kunsill u l-Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern. Mhux faċli peress li kull ministeru u dipartiment irid jisma l-ilmenti ta' 69 kunsill lokali. Il-Kunsill mhux dejjem jirnexxielu jasal fejn ikun jixtieq iżda ġew reġistrati suċċessi. |
| 3. | 7 | i | Trasport Malta/Triq President Anton Buttiġieġ | L-akbar porblemi ikunu ma' Trasport Malta. F'Jannar ta' din is-sena beda x-xogħol fuq Triq President Anton Buttieġieġ u jispera li l-affarijiet li saru biex jitnaqqas l-ispeed tal-karozzi jaħdmu iżda jekk dan ma jseħħx ikun hemm bżonn li wieħed jaħseb f'affarijiet oħra. |
| 3. | 7 | ii | Suq | Pace qed jaħdem mill-qrib biex is-Suq taż-Żejtun jikber u hemm xaqq ta' tama li dan iseħħ. |
| 3. | 7 | iii | Mużew taż-Żejt | Pace qed jagħmel kuntatt dirett ma' l-Onor Chris Said sabiex fiż-Żejtun ikun jista' jsir il-Mużew taż-Żejt. Quddiem il-MEPA il-Kunsill diġa' tefa' l-applikazzjoni tiegħu iżda s'issa għadha ma ġietx approvata. |
| 3. | 8 | | Segretarju Eżekuttiv: Qagħda Finanzjarja | Is-Segretrju Eżekuttiv ta ħarsa lejn il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill u ta rendikont dettaljat tas-sena finanzjarja April - Diċembru 2009. Is-sena għalqet b'bilanċ pożittiv ta' kważi €84,000 peress li l-Kunsill qed japplika għal diversi proġetti biex jikseb fondi ulterjuri mill-allokazzjoni finanzjarja li l-Gvern jagħti lill-Kunsill ta' kull sena. Bejn wieħed u ieħor il-Kunsill kiseb madwar €85,000 minn dawn il-proġetti |
| 3. | 8 | i | Sena Finanzjara 2010 | Għas-sena 2010 il-Kunsill għandu miri u proġetti tajbin fosthom li jingħalaq ix-xogħol fuq Ġnien Brejġu kif ukoll jitkompla ċ-Ċentru Ħarsien tat-Tfal. Ma jonqosx li ssir manutenzjoni fuq il-wiċċ tat-toroq. L-allokazzjoni min-naħa tal-Gvern Ċentrali ser tkun ta' tlett kwarti ta' miljun ewro. Wara li l-Kunsill jikkunsidra l-pagi, spejjeż amministrattivi, kuntratti, spejjeż ta' proġetti kapitali, qed jaspira li jkollu bilanċ ta'€16,000. |

## 4. Interventi tal-pubbliku

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti tal-Pubbliku |
|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| 4. 1 i | Lino Camilleri | Is-Sur Camilleri irringrazzja lill-Kunsill għax-xogħol li sar fit-toroq. Huwa tkellem dwar il-problema li għandu biex joħroġ mid-drive-in tiegħu fi Triq President Anton Buttiġieġ peress li triq għadha perikoluża ħafna. Huwa, flimkien mar-residenti l-oħra ta' l-istess triq jixtieq li din it-triq issir b'service road bħal dik ta' Ħal Għaxaq. Diġa' saret petizzjoni fil-Parlament f'dan ir-rigward fl-2004 u r-residenti ser jerġgħu jippreżentaw petizzjoni oħra. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill jaqbel mal-proposta tar-residenti. Huwa tkellem ukoll dwar is-sitwazzjoni ta' Triq A. Cachia Zammit li saret mhux abitabbli. Forsi xi darba din it-triq issir one way u t-traffiku jibda jgħaddi minn Triq Toni Zahra u ssir ukoll service road f'din it-triq. |
| 4. 1 ii | | Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar Ġnien San Girgor peress li qed ikun hemm vandaliżmu miż-żgħażagħ li qed ikun hemm fil-għaxijiet. Qed ikun hemm ukoll siringi kif ukoll iħallu skart madwar il-ġnien. Is-Sindku wieġeb li dwar dan diġa' saret diskussjoni fil-Kunsill fejn il-Kunsillier Hales insista li jkun hemm sistema ta' moniteraġġ bil-cameras. Il-Viċi-Sindku talbet sabiex min jara atti vandali jseħħu madwar il-lokalita' jirraporta l-Kunsill. |
| 4. 1 iii | | Is-Sur Camilleri qajjem quddiem il-Kunsill il-problema tal-ħmieġ tal-klieb fuq il-bankini li jdawwru l-Liceo Carlo Diacono. Is-Sindku qal li meta jidħlu fis-seħħ il-green wardens din l-area ser tkun sorveljata. |
| 4. 2 | Shirley Agius | Is-Sinjura Agius ilmentat dwar in-nuqqas ta' dog litter bins madwar il-lokalita'. Is-Sindku spjega li għalkemm anke membri tal-Kunsill għamlu insistenza biex dawn il-bins isiru, il-Kunsill iltaqa' ma' problemi fejn residenti pprotestaw li jsiru peress li n-nies ma jiddisponux mill-iskart b'mod tajjeb u jarmu kulma jiġu f'idejhom bħal glud tal-fniek etc. Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Sinjura Agius sabiex tindika lill-Kunsill postijiet adegwati li fihom jitwaħħlu dawn id-doggy bins u ma jkunux ta' inkonvenjent gha-residenti tal-viċinanzi. |
| 4. 3 | Carmelo Scicluna | Is-Sur Scicluna talab lill-Kunsill sabiex jagħmel humped roundabout fi Triq Bugħarbiel. Huwa ilmenta dwar magni ta' karozzi fit-toroq bħal Triq il-Bħajra u Triq Dulliegħ kif ukoll isir spray ta' karozzi fit-toroq u l-laned tat-thinner jintremew barra t-rtiq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sal-lum stess saret diskussjoni mal-enforcement officer tal-MEPA dwar l-iscrap ard tat-Triq id-Dulliegħ. Is-Sur Scicluna talab sabiex issir metru u nofs bankina fi Triq Melchiorre Gafa' fejn Nakis Feeds. Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Hales ser iħejju rapport dwar plots abbandunati. |
| 4. 4 | Lorry Vella German | Is-Sur Lorry Vella German ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-problema ta' nuqqas ta' ġbir ta' skart fi Triq id-Daħla ta' San Tumas. Is-Sindku spjega li fejn jeżistu l-bins on wheels, il-borża l-griża jew ħadra għandha titpoġġa fejn l-iskips kull nhar ta' Tlieta. |
| 4. 5 | Gaetano Desira | Is-Sur Desira rringrazzja lill-Kunsill gha-xogħol li sar. Huwa ilmenta dwar il-ħass fil-passaġġ tal-Ġnien tal-Kmandant peress li dawn qed jiżolqu ħafna. Għaldaqstant issuġerixxa li jinbarax u jittieħed parir biex tintefa' kimika apposta ħalli l-ħass ma jerġax jikber. Huwa talab biex jiżdiedu l-pjanti fi Ġnien San Girgor kif ukoll jinbidlu l-bandli. Is-Sindku spjega li bħalissa l-Gvern Ċentrali qed jaħdem biex isir assessment fuq il-bandli ta' Malta kollha. Jekk il-Gvern Ċentrali jagħti l-għajnuna finanzjarja neċessarja, il-Kunsill lest li jibdilhom. |
| 4. 5 i | | Desira ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-kurduna ta' bankina baxxa li qed titpoġġa fi Triq President Anton Buttiġieġ peress li ħa tkun iktar faċli biex il-karozzi jitilgħu fuqha. Is-Sindku spjega li x-xogħol qed isir minn Transport Malta iżda ser jipprova jkellem il-Perit biex tintuża kurduna ta' l-10". Is-Sur Desira qal ukoll li l-humped roundabout li saret fi Triq Xrobb l-Għaġin k/m Triq President Anton Buttiġieġ qed tinqala'. Is-Sindku qal li ma tistax issir roundabout normali peress li vetturi kbar ma jdurux. Il-ħsara qed issir mill-vetturi l-kbar peress li jitilgħu fuqha. |

| | | |
|---|---|---|
| 4. 6 | Joe Baldacchino | Is-Sur Baldacchino wera apprezzament lejn ix-xogħol li sar mill-Kunsill filwaqt li ġibed l-attenzjoni dwar diversi affarijiet. Huwa semma li l-periklu fi Triq Presdient Anton Buttiġieġ naqas bix-xogħol li sar s'issa. Fir-rigward ta' ilmenti huwa semma l-kundizzjoni ta' Ġnien San Girgor filwaqt li ż-żewġ skips ta' ħdejn il-Klabb tal-Boċċi ikunu imfawwrin ta' spiss. Ir-recycling bins li hemm ħdejn is-substation ta' l-Enemalta wara r-RedStars qegħdin ta' inkonvenjent peress li trid tidħol bejn l-iskips biex tarmi. Is-Sur Baldacchino faħħar it-traffic signs li saru madwar il-lokalita' iżda ilmenta dwar sinjal perikoluż peress li ġie eye level ħdejn il-Knisja ta' San Girgor. Huwa talab lill-Kunsill jikkonsidra li titkompla 100 pied bankina f'Wesgħa 5 ta' Ottubru. |
| 4. 7 | Annie Zammit | Is-Sinjura Zammit ilmentat dwar il-ġbir ta' skart peress li dan qed jibda kmieni ħafna qabel is-7am. Zammit ġibedet l-attenzjoni wkoll ta' ipparkjar ta' trakk tal-linja fi Triq Melchiorre Gafa' li ma jħallix spazju biex iddaħħal karozza fil-garaxx. Hija semmiet ukoll bini perikoluż fi Triq San Alfonsu k/m Triq il-Madonna tal-Ħniena. Is-Sindku spejga li dwar dan il-bini kien hemm kawża fil-Qorti mill-Pulizija kontra s-sidien tal-propjeta' imsemmija u din l-istess kawża fil-Qorti waqgħet għaliex sar żball min-naħa ta' l-Avukat tar-Repubblika. |

**Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.00p.m.**

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv